MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru. 78/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ina Maria Cauchi**

Numru: 78/2014

Illum 14 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Ina Maria Cauchi**, ta' disgha u erbghin (49) sena, mart Ivan Cauchi, bint Anthony Saliba u Rita neé Mizzi, imwielda Rabat, Ghawdex,

fis-7 ta' Jannar 1965, u residenti 'Casa Regina', Triq il-Qalb ta' Gesu, Fontana, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 2965(G), akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Marzu 2013 u fil-jiem ta' qabel:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' €875 u dan ghad-dannu ta' Ivan Cauchi u persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u kif ukoll xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza ghad-detriment ta' Ivan Cauchi u dan bi ksur ta' Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelant jiddikjara li kien qed jaghzel li jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' martu l-imputata u semghetu wkoll jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx u anqas ressqet ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie mismugh u dikjarat quddiem il-Qorti, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputata ser tigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputata Ina Maria Cauchi hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------